

Brussell, 27 ta' April 2026
(OR. en)

8572/26

EF 130
ECOFIN 526
ENV 411
SUSTDEV 33
DELECT 78

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2579 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'24.4.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli ta' proċedura dwar multi u pagamenti perjodiċi ta' penali imposti fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2579 final.

Mehmuż: C(2026) 2579 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.4.2026
C(2026) 2579 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'24.4.2026

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tar-regoli ta' proċedura dwar multi u pagamenti perjodiċi ta' penali imposti
fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG), u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2023/2859 (minn hawn 'il quddiem, ir-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG) għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-klassifikazzjonijiet ESG, billi (i) itejjeb it-trasparenza tal-karatteristiċi u l-metodoloġiji tal-klassifikazzjonijiet ESG, u billi (ii) jiżgura aktar integrità tal-operazzjonijiet tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG u l-prevenzjoni tar-riskji ta' kunflitt ta' interess fil-livell tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG.

L-Artikolu 39, il-paragrafu 9 tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta, permezz ta' att delegat, Regolament dwar regoli ta' proċedura ulterjuri biex tiġi eżerċitata s-setgħa tal-ESMA li timponi multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali, inklużi dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' difiża, dispożizzjonijiet temporali u l-ġbir ta' multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali, u dwar regoli dettaljati fir-rigward tal-perjodi ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni u l-infurzar tal-multi u l-pagamenti perjodiċi ta' penali.

Dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni jindirizza dawn il-punti kollha.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli ġie kkonsultat fis-26 ta' Marzu 2026.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikoli 1 sa 2 jispeċifikaw ir-regoli ta' proċedura fi proċedimenti ta' ksur quddiem l-uffiċjal tal-investigazzjoni u l-ESMA, bħall-kontenut tal-fajl li jrid jiġi trażmess mill-uffiċjal tal-investigazzjoni lill-ESMA, u d-dritt tal-persuni soġġetti għall-investigazzjoni li jinstemgħu mill-uffiċjal tal-investigazzjoni u l-ESMA qabel l-impożizzjoni ta' multi u miżuri superviżorji.

L-Artikolu 3 jispeċifika r-regoli ta' proċedura fi proċedimenti ta' ksur quddiem l-ESMA fir-rigward tal-pagamenti perjodiċi ta' penali.

L-Artikolu 4 jikkonċerna l-aċċess għall-fajl minn persuni li tkun intbagħttilhom id-dikjarazzjoni tas-sejbiet u jistabbilixxi r-regoli dwar l-użu ta' dokumenti miksuba permezz ta' aċċess għall-fajl.

L-Artikoli 5 u 6 jistabbilixxu l-perjodu ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni ta' multi u pagamenti perjodiċi ta' penali u għall-infurzar tal-penali.

L-Artikolu 7 jistabbilixxi r-regoli għall-ġbir tal-multi.

L-Artikolu 8 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Delegat.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'24.4.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli ta' proċedura dwar multi u pagamenti perjodiċi ta' penali imposti fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG), u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2023/2859¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 39(9) tiegħu,

Billi

- (1) Sabiex jingħata effett sħiħ lid-dritt li wieħed jinstema', kif iggarantit fl-Artikolu 39(7) tar-Regolament (UE) 2024/3005, persuna li tkun soġġetta għall-investigazzjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA") jenħtieġ li jkollha d-dritt li tagħmel kummenti bil-miktub b'reazzjoni għad-dikjarazzjonijiet tas-sejbiet maħruġa mill-uffiċjal tal-investigazzjoni tal-ESMA u mill-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA. Jenħtieġ li dik il-persuna titħalla tiġi meġhuna minn avukat tal-għażla tagħha.
- (2) Jenħtieġ li l-ESMA tivvaluta l-kompletezza tal-fajl ippreżentat mill-uffiċjal tal-investigazzjoni abbażi ta' lista ta' dokumenti. Biex jiġi żgurat li l-persuna soġġetta għall-investigazzjoni tkun tista' tħejji d-difiża tagħha b'mod adegwat, jenħtieġ li l-ESMA, qabel ma tadotta deċiżjoni finali jekk timponix multa jew pagament perjodiku ta' penali, tagħti lill-persuna d-dritt li ttiprovdi kummenti bil-miktub ulterjuri.
- (3) Skont l-Artikolu 37(1), il-punt (b)(ii) tar-Regolament (UE) 2024/3005, l-ESMA għandha l-obbligu li timponi pagamenti perjodiċi ta' penali meta persuna soġġetta għall-investigazzjoni tirrifjuta li tissottometti ruħha għal tali investigazzjoni jew li ttiprovdi l-informazzjoni mitluba mill-ESMA. Sabiex jiġi ggarantit bis-sħiħ id-dritt ta' difiża ta' tali persuni, jenħtieġ li l-ESMA tagħti lill-persuna l-opportunità li ttiprovdi sottomissjonijiet bil-miktub dwar il-kwistjoni soġġetta għall-investigazzjoni jew dwar jekk tali pagament perjodiku ta' penali huwiex xieraq fil-każ inkwistjoni qabel ma tiġi imposta tali penali perjodika.
- (4) Kemm is-setgħa li jiġu imposti multi kif ukoll il-pagamenti perjodiċi ta' penali u s-setgħa li jiġu infurzati multi u pagamenti perjodiċi ta' penali jenħtieġ li jiġu eżerċitati fi żmien raġonevoli, u għaldaqstant ikunu soġġetti għal perjodu ta' limitazzjoni. Għal raġunijiet ta' konsistenza u filwaqt li titqies l-esperjenza tal-ESMA fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-impożizzjoni u l-infurzar ta' penali fuq entitajiet taħt

¹ ĠU L, 2024/3005, 12.12.2024, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3005/oj>.

superviżjoni, il-perjodi ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni u l-infurzar ta' multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali jenħtieġ li jkunu l-istess bħal f'tali leġislazzjoni.

- (5) Sabiex tiżgura l-kustodja tal-multi u tal-penali perjodiċi miġbura, jenħtieġ li l-ESMA tiddepożita l-ammonti li tirċievi minn dawn il-multi u l-penali perjodiċi f'kontijiet bl-imgħax li jinfetħu esklużivament għal fini ta' multa unika jew għal pagament perjodiku ta' penali. Bħala kwistjoni ta' prudenza baġitarja, l-ESMA jenħtieġ li tittrasferixxi biss l-ammonti lill-Kummissjoni ladarba d-deċiżjonijiet ikunu finali minħabba li d-drittijiet ta' appell ikunu ġew eżawriti jew ikunu skadew,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regoli ta' proċedura fi proċedimenti ta' ksur quddiem l-uffiċjal tal-investigazzjoni

1. Mat-tlestija tal-investigazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2024/3005 u qabel ma jissottometti l-fajl lill-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA skont l-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jstabbilixxi l-fatti li jistgħu jikkostitwixxu l-ksur, inkluż kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti f'dikjarazzjoni tas-sejbiet.

L-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jinforma dwar is-sejbiet lill-persuna soġġetta għall-investigazzjoni fid-dikjarazzjoni bil-miktub tas-sejbiet u għandu jistieden lil dik il-persuna tagħmel sottomissjonijiet bil-miktub skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.
2. L-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jstabbilixxi limitu ta' żmien raġonevoli fl-abbozz tad-dikjarazzjoni li matulu l-persuna soġġetta għall-investigazzjoni tista' tagħmel is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha. Jista' jagħti l-każ li l-uffiċjal tal-investigazzjoni jqis is-sottomissjonijiet bil-miktub li jaslu wara l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien.
3. Fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, il-persuna soġġetta għall-investigazzjoni tista' tistabbilixxi l-fatti kollha rilevanti għad-difiża tagħha. Il-persuna soġġetta għall-investigazzjoni għandha tehmeż kwalunkwe dokument rilevanti bħala prova tal-fatti stabbiliti. Il-persuna soġġetta għall-investigazzjoni tista' tipproponi li l-uffiċjal tal-investigazzjoni jisma' persuni oħrajn li jistgħu jikkorboraw il-fatti stabbiliti fis-sottomissjonijiet. Il-persuna soġġetta għall-investigazzjoni tista' tkun assistita minn avukat tal-għażla tagħha fit-tnejn tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha.
4. L-uffiċjal tal-investigazzjoni jista' jistieden persuna soġġetta għall-investigazzjoni li tkun ġiet indirizzata b'dikjarazzjoni tas-sejbiet biex tattendi seduta orali. Il-persuni soġġetti għall-investigazzjoni jistgħu jiġu assistiti minn avukat tal-għażla tagħhom. Is-seduti orali ma għandhomx isiru fil-pubbliku.
5. L-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jibgħat id-dikjarazzjoni ffinalizzata tas-sejbiet lill-persuna soġġetta għall-investigazzjoni.

Artikolu 2

Regoli ta' proċedura li għandhom jiġu segwiti mill-ESMA fir-rigward ta' multi u miżuri superviżorji

1. L-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jissottometti d-dokumenti li ġejjin lill-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA:
 - (a) kopja tad-dikjarazzjoni tas-sejbiet li jkun indirizza lill-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG;
 - (b) kopja tas-sottomissjonijiet bil-miktub mill-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG;
 - (c) il-minuti tas-seduti orali, jekk ikun hemm.
2. Meta l-Bord ta' Superviżuri tal-ESMA jqis li l-fajl imressaq mill-uffiċjal tal-investigazzjoni ma jkunx komplut, għandu jibgħat il-fajl lura lill-uffiċjal tal-investigazzjoni b'talba motivata għal dokumenti addizzjonali.
3. Meta l-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA jqis, fuq il-bażi ta' fajl komplut, li l-fatti, deskritti fid-dikjarazzjoni tas-sejbiet, jidhru li ma jiddivulgaw l-ebda ksur possibbli, għandu jieħu deċiżjoni li tiddikjara dan u jinnotifika tali deċiżjoni lill-persuni soġġetti għall-investigazzjoni.
4. Meta l-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA jaqbel mas-sejbiet tal-uffiċjal tal-investigazzjoni, għandu jinforma b'dan lill-persuni soġġetti għall-investigazzjoni. Tali komunikazzjoni għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien raġonevoli li matulu l-persuna soġġetta għall-investigazzjoni tista' tagħmel sottomissjonijiet bil-miktub. Il-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA jista' jikkunsidra sottomissjonijiet bil-miktub li jaslu wara l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien biex jadotta deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' ksur u dwar miżuri superviżorji u l-impożizzjoni ta' multa f'konformità mal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2024/3005.

Il-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA jista' jistieden ukoll lill-persuni soġġetti għall-investigazzjoni indirizzati b'dikjarazzjoni tas-sejbiet biex jattendu seduta orali. Il-persuni soġġetti għall-investigazzjoni jistgħu jiġu assistiti minn avukat tal-għażla tagħhom. Is-seduti orali ma għandhomx isiru fil-pubbliku.
5. Meta l-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA jkun iddeċieda li sar ksur minn persuna soġġetta għall-investigazzjoni u jkun adotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2024/3005, għandu jinnotifika minnufih tali deċiżjoni lill-persuna soġġetta għall-investigazzjoni.

Artikolu 3

Dritt għas-smiġh mill-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA fir-rigward tal-pagamenti perjodiċi ta' penali

1. Qabel ma jimponi pagament perjodiku ta' penali skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-Bord tas-Superviżuri għandu jissottometti dikjarazzjoni tas-sejbiet lill-persuna soġġetta għall-proċedimenti filwaqt li jistabbilixxi r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' pagament ta' penali u l-ammont tal-pagament ta' penali għal kull jum ta' nuqqas ta' konformità. Id-dikjarazzjoni tas-sejbiet għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li matulu l-persuna kkonċernata tista' tagħmel sottomissjonijiet bil-miktub. Jista' jagħti l-każ li l-Bord tas-Superviżuri jqis is-sottomissjonijiet bil-miktub li jaslu wara l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien sabiex jiddeċiedi dwar il-pagament perjodiku ta' penali.

2. Il-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA ma għandux jibqa' jimponi pagament perjodiku ta' penali ladarba l-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG jew il-persuna kkonċernata tkun ikkonformat mad-deċiżjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 37(1), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) 2024/3005.
3. Il-Bord tas-Superviżuri tal-ESMA jista' jistieden lill-persuna soġġetta għall-proċedimenti biex tattendi seduta orali. Il-persuna soġġetta għall-proċedimenti tista' tiġi assistita minn avukat tal-għażla tagħha. Is-seduti orali ma għandhomx isiru fil-pubbliku.

Artikolu 4

Aċċess għall-fajl u użu tad-dokumenti

1. L-ESMA għandha, f'każ li ssirilha talba, tagħti aċċess għall-fajl lill-partijiet li l-uffiċjal tal-investigazzjoni jew il-Bord tas-Superviżuri jkun bagħtilhom dikjarazzjoni tas-sejbiet. L-aċċess għandu jingħata wara n-notifika ta' kwalunkwe dikjarazzjoni tas-sejbiet.
2. Id-dokumenti tal-fajl aċċessati skont dan l-Artikolu għandhom jintużaw mill-persuna msemmija fil-paragrafu 1 biss għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi li jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/3005.

Artikolu 5

Perjodi ta' limitazzjoni biex jiġu imposti multi u pagamenti perjodiċi ta' penali

1. L-ESMA ma għandhiex timponi multi u pagamenti perjodiċi ta' penali fuq il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG wara l-iskadenza tal-perjodu ta' limitazzjoni ta' 5 snin.
2. Il-perjodu ta' żmien ta' limitazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jibda jiddekorri fil-ġum ta' wara dak li fih isir il-ksur. Madankollu, fil-każ ta' ksur kontinwu u ripetut, iż-żmien għandu jibda jiddekorri minn dak inhar meta jieqaf il-ksur.
3. Kwalunkwe azzjoni meħuda mill-ESMA għall-finijiet tal-investigazzjoni jew tal-proċedimenti fir-rigward ta' ksur tar-Regolament (UE) 2024/3005 għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni ta' multi u pagamenti perjodiċi ta' penali. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jiġi interrott b'effett mid-data li fiha l-azzjoni tiġi notifikata lill-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG jew lill-persuna soġġetta għall-investigazzjoni jew għall-proċedimenti.
4. Kull interruzzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tagħti bidu għal perjodu ta' limitazzjoni ġdid kif imsemmi fil-paragrafu 1. Dan il-perjodu ta' limitazzjoni ġdid għandu jiskadi mhux aktar tard mill-ġum li fih ikun għadda perjodu ugwali għad-doppju tal-perjodu ta' limitazzjoni oriġinali mingħajr ma l-ESMA tkun imponiet multa jew pagament perjodiku ta' penali. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż biż-żmien li matulu l-perjodu ta' limitazzjoni jkun ġie sospiż skont il-paragrafu 5.
5. Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni ta' multi għandu jkun sospiż sakemm id-deċiżjoni tal-ESMA tkun soġġetta għall-proċedimenti pendenti quddiem il-Bord tal-Appell, f'konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill², u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2024/3005.

Artikolu 6

Perjodi ta' limitazzjoni għall-infurzar tal-penali

1. L-ESMA ma għandhiex tinforza deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikoli 36 u 37 tar-Regolament (UE) 2024/3005 wara l-iskadenza tal-perjodu ta' limitazzjoni ta' 5 snin.
2. Il-perjodu ta' limitazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jibda jiddekorri fil-jum ta' wara dak li fih id-deċiżjoni ssir finali.
3. Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar tal-penali għandu jiġi interrott minn kwalunkwe azzjoni tal-ESMA maħsuba biex tinforza pagament jew termini u kundizzjonijiet għall-pagament tal-multa jew tal-pagament per iodiku ta' penali.
4. Meta sseħħ l-interruzzjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-perjodu ta' limitazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jibda mill-ġdid.
5. Il-perjodu ta' limitazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi sospiż sakemm:
 - (a) ikun permess iż-żmien għall-pagament;
 - (b) l-infurzar tal-pagament jiġi sospiż skont deċiżjoni pendenti tal-Bord tal-Appell tal-ESMA, f'konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) 2024/3005.

Artikolu 7

Ġbir ta' multi u pagamenti perjodiċi ta' penali

1. L-ESMA għandha tiddepożita l-ammonti ta' multi u ta' pagamenti perjodiċi ta' penali f'kont bl-imgħax li jinfetaħ mill-ESMA sakemm dawn il-multi u l-pagamenti ta' penali jsiru finali. F'każ ta' diversi multi jew pagamenti perjodiċi ta' penali miġbura mill-ESMA b'mod parallel, l-ESMA għandha tiżgura li dawn il-multi u l-pagamenti ta' penali jiġu ddepożitati f'kontijiet jew f'subkontijiet differenti. Il-multi u l-pagamenti perjodiċi ta' penali mħallsa ma għandhomx jiddaħħlu fil-baġit tal-ESMA u ma għandhomx jiġu rreġistrati bħala ammonti baġitarji.
2. Meta l-ESMA tistabilixxi li l-multi jew il-pagamenti perjodiċi ta' penali jkunu saru finali wara li jkunu ġew eżawriti d-drittijiet kollha ta' appell, l-ESMA għandha tittrasferixxi dawn l-ammonti u l-imgħax potenzjali dovut lill-Kummissjoni. Dawk l-ammonti għandhom imbagħad jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.
3. L-ESMA għandha tirrapporta fuq bażi regolari lill-Kummissjoni dwar l-ammonti ta' multi u pagamenti perjodiċi ta' penali imposti u l-istatus tagħhom.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj>).

Artikolu 8
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24.4.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN